MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## MICHAEL MALLIA

Seduta ta' l-14 ta' Jannar, 2008

Avviz Numru. 356/2007

**Assocjazzjoni GS1 Malta**

**Vs**

**Purity Products Limited (C -8461)**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tas-socjeta’ konvenuta ghall-hlas tas-somma ta’ elf sebgha mija erbgha u sittin Lira Maltin u sebghin centezmu (Lm1,764.70) rapprezentanti kontribuzzjonijiet ghas-snin 2002,2003,2004,2005,2006 u 2007 (ara l-prospett anness u mmarkat “Dok A”), oltre l-imghaxijiet mid-dati ta’ meta l-kontribuzzjonijiet gew dovuti, u cioe’, mill-31 ta’ Marzu, 2002, mill-31 ta’ Marzu, 2003, mill-31 ta’ Marzu, 2004, mill-31 ta’ Marzu, 2005, mill-31 ta’ Marzu, 2006 u mill-31 ta’ Marzu, 2007, rispettivament, sad-data tal-effettiv pagament, bl-oghla rata permessa mill-ligi, u dana in forza tal-Istatut tal-assocjazzjoni attrici (anness u mmarkat “Dok B”);

Nonostante li giet interpellata thallas diversi drabi, nkluz b’ittra bonarja datata 5 ta’ April 2007 (annessa u mmarkata “Dok C”), is-socjeta’ konvenuta baqghet inadempjenti.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta’ attrici fil-kawza jwiegbu ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment is-socjeta’ konvenuta naqset u ma dehritx la fis-7 ta’ Jannar, 2008 meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tas-socjeta’ attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta fil-kawza.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------